MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 511/2004/1

**Paul u Concetta konjugi Farrugia**

**vs**

**Monica mart Giacchino Azzopardi, Charles, Maria Assunta mart John Caruana u Anna ahwa Ciscaldi u Joseph Ciscaldi f'isimhom proprju u bhala prezunti eredi ta' ommhom Carmela armla ta' Salvatore Ciscaldi**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Settembru tas-sena 2004, li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu

ghaliex m'ghandhomx ikunu prevja kull dikjarazzjoni opportuna, kif ukoll kull dikjarazzjoni necessarja li kull titolu li talvolta kellhom illum jinsab termint, jigu kkundannati u ordnati:

1. Illi fi zmien qasir u perentroju johorgu u jigu zgombrati minn dik il-parti tal-fond li taghmel mal-garaxx bl-isem `St. Paul', Fountain Lane, Hamrun, u kull parti ohra proprjeta` tal-istess atturi li tmiss jew hija interkomunikata mal-istess fond kif ahjar deskritta fl-annessa pjanta delineata bl-ahmar;

2. Illi fl-istess zmien inehhu kull struttura li ghamlu, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;

3. Illi fin-nuqqas, l-istess atturi jigu awtorizzati jaghmlu tali xogholijiet a spejjez tal-konvenuti;

4. Illi ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond de quo ma jeccedix il-hames mitt Lira Maltin (LM500.00,0);

5. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Monica mart Giacchino Azzopardi datata d-29 ta' Frar tas-sena 2005, li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-atturi jridu jipprovaw it-titolu li qed jirreklamaw fuq l-immobbli ndikat fl-avviz;

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, l-eccipjenti ma hija qed tokkupa l-ebda proprjeta` ta' l-atturi u l-immobbli reklamat mill-atturi jappartjeni lill-istess eccipjenti flimkien ma' hutha b'titolu ta' proprjeta` assoluta u ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Charles, Maria Assunta mart John Caruana u ta' Anna ahwa Ciscaldi u ta' Joseph Ciscaldi, datata l-1 t'April tas-sena 2005, li permezz taghha eccepew is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-atturi jridu jipprovaw it-titolu li qed jirreklamaw fuq l-immobbli ndikat fl-avviz;

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, l-eccipjenti ma huma qed jokkupaw l-ebda proprjeta` ta' l-atturi u l-immobbli reklamat mill-atturi jappartjeni lill-istess eccipjenti flimkien ma' ohthom il-konvenuta Monica Azzopardi, b'titolu ta' proprjeta` assoluta u ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti, inkluz ir-relazzjoni tal-perit espert nominat minn din il-qorti;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-atturi jsostnu li huma proprjetarji ta' garaxx li jigi taht ir-residenza taghhom bl-isem ta' `St. Paul', Fountain Lane, il-Hamrun, li kienu krew lil Turu Ciscaldi;

2. Illi meta d-dolcerija ta' Ciscaldi ntemm l-operat taghha, l-istess atturi talbu li jirriprendu l-pussess ta' l-istess garaxx li kienu krew, stante li kien ilu maghluq ghal zmien twil – bejn wiehed u iehor, tnax (12)-il sena;

3. Illi l-garaxx ma giex ritornat u ghalhekk kellha tinbeda procedura gudizzjarja biex il-garaxx jigi zgumbrat u jinghata lura lill-atturi;

4. Illi l-procedura de quo intemmett u s-sentenza finali ordnat li l-garaxx jinghata lill-atturi odjerni;

5. Illi ghalkemm ic-cavetta tal-fond de quo inghatat lill-atturi, il-konvenuti xorta naqqsu jaghtu l-garaxx de quo fl-istat li kien meta inghatalhom u di piu`, ic-cavetta moghtija ma setghetx tiftah ghaliex il-bieb kien imsakkar bil-ktajjen u b'katnazz;

6. Illi meta l-atturi accedew sussegwentement fil-garaxx de quo sabu li l-kerrejja taghhom ma ottemperawx ruhhom ghad-decizjoni tal-qrati li jirripristinawh ghall-istat li kien meta originarjament inghatalhom b'kera;

7. Illi jirrizulta wkoll li nbena hajt iehor bil-bricks li permezz tieghu qieghed jintaqqas daqs kwart mill-garaxx de quo ghad-detriment ta' l-atturi;

8. Illi ghalhekk qed tittiehed din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi skond il-perit arkitett nominat minn din il-qorti jirrizulta s-segwenti:

1. Illi jirrizulta li l-garaxx in dizamina hu effettivament zewgt imhazen;

2. Illi dawn l-imhazen gew mifrudin minn hajt mibni bejn zewg pilastri;

3. Illi fuq dawn il-pilastri hemm travu tal-konkos;

Ikkunsidrat:

Illi effettivament skond il-pjanta annessa ma' l-imsemmija relazzjoni peritali jirrizulta li l-konvenuti qed jippruvaw jisiruq parti sostanzjali tal-garaxx

originali mikri lil missierhom ekwivalent ghall-spazju ta’ 13.25 metru kwadru;

Illi hawn mhux biss si tratta ta’ disprezz lejn l-awtorita` tal-qrati li ordnaw l-izgumbrament originali ta’ missier il-konvenuti izda addirittura, ta’ attentat sfaccat ta’ serq ta’ prorpjeta` immobbli billi jittella` hajt divizorju li l-iskop tieghu hu li jippermetti lill-konvenuti jisirqu parti sostanzjali tal-garaxx de quo minn idejn il-proprjetarji legittimi tieghu;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, takkolji t-talbiet attrici, u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien xahrejn mil-lum jizgumbraw mit-totalita` tal-garaxx `St.Paul’, Fountain Lane, il-Hamrun, kif deskritt fil-pjanta annessa mar-rapport peritali;

2. Illi fin-nuqqas l-atturi Paul u Concetta konjugi Farrugia huma awtorizzati biex jirripristinaw il-garaxx de quo ghall-istat originali tieghu skond il-pjanta indikata fil-paragrafu precedenti biex igibuh unita` wahda, u dan, a spejjez tal-konvenuti kollha indikati fl-okkju tal-kawza;

3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-konvenuti;

4. Illi biex tirribadixxi l-principju bic-certezza tal-procedura gudizzjarja ssib lill-konvenuti hatja ta’ disprezz tal-qorti stante li l-prokrastinazzjoni taghhom tirredikola l-process gudizzjarju u wara li rat l-artikolu 990 tal-Kap 12 tikkundanna lill-konvenuti ghad-disprezz tal-Qorti ghall-piena ta’ tlett elef Ewro (€3,000.00,0) kull wiehed.”

Kontra din is-sentenza l-konvenuti jqajmu l-aggravji f’din l-ordni:-

(1) Is-sentenza hi nulla stante li t-trasfuzjoni tal-gudizzju konsegwenti ghall-mewt ta' l-attur Paul Farrugia ma hijiex riflessa fl-okkju taghha;

(2) L-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-verbali tal-kawza u, in partikolari, illi l-partijiet kienu ttransigew il-mertu. In konsegwenza, l-ewwel zewg paragrafi tad-dispositiv tas-sentenza li trattaw il-mertu ghandhom jitqiesu guridikament nulli, irriti u invalida fil-ligi;

(3) Il-fatt illi huma effettivament ghaddew lill-atturi porzjoni akbar mill-proprjeta li kienet tmiss lilhom kellu jsib rifless fuq il-kap ta' l-ispejjez tal-kawza;

(4) Meta l-Qorti fir-raba' dispositiv tas-sentenza sabithom hatja ta' disprezz din il-parti tad-decizjoni taghha kienet ghal kollox irregolari in kwantu skond il-Kodici ritwali (Artikolu 1003A, Kapitolu 12) il-procedura dwar id-disprezz kellha tinbeda mir-Registratur fuq l-ordni tal-Qorti. Dan apparti, kif kontez mill-appellanti, illi d-decizjoni fir-rigward kienet tilledi l-principji fundamentali ta' gustizzja naturali *audi alteram partem* u *nemo judex in causa propria*, u, f'kull kaz, ir-raguni dedotta mill-Qorti fil-kuntest ma kellhiex tattira l-applikabilita` ta' l-Artikolu 990 tal-Kapitolu 12;

Huwa car hafna minn tlieta mill-erba' aggravji sottomessi illi l-konvenuti jiddenunzjaw is-sentenza appellata b'irritwalita` u nullita`. Huwa daqstant iehor car illi jekk din il-Qorti tirriskontra l-ezistenza tad-difett procedurali sottomess f'xi wiehed mit-tliet motivi ta' l-aggravji ma jkollhiex ghalfejn imbaghad tokkupa ruhha u tinvesti l-ilment ta' l-appellanti fuq il-mertu tal-kap ta' l-ispejjez;

Qabel ma jigi trattat l-ewwel motiv ta' aggravju huwa opportun li jigi registrat illi b'digriet ta' l-ewwel Qorti tat-23 ta' Jannar, 2007 (fol. 66) gie milqugh ir-rikors ta' l-eredi ta' l-attur Paul Farrugia prezentat fid-19 ta' Jannar, 2007 (fol. 62) ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju. Id-digriet moghti gie

hekk registrat fl-Avviz promotur tal-kawza izda mhux ukoll fl-okkju tas-sentenza kif registrata mir-Registratur tal-Qorti Inferjuri skond il-kopja awtentika taghha fl-atti tal-process. L-appellanti jsostnu illi din l-ommessa indikazjoni tal-partijiet kollha fl-intestazzjoni tas-sentenza tikkostitwixxi nullita`;

Fuq dan il-punt huwa xieraq li jibda biex jigi rilevat illi, strettament, il-mankanza ta' l-indikazzjoni tal-partijiet kollha fl-okkju tas-sentenza ma hijiex wahda tan-nullita` taghha izda si tratta minn semplici zball materjali, emendabbli bil-procedura tal-korrezzjoni, fil-kaz fejn id-decizjoni tigi formalment pronuncjata fil-konfront ta' parti defunta minflok fil-konfront ta' l-eredi tieghu li f'isimhom il-process ikun gie rijassunt bil-procedura tat-trasfuzjoni. Dan, maggorment, imbaghad fejn mill-kuntest tad-decizjoni temergi inekwivokabilment il-verifika ta' dik il-vicenda processwali. Jibqa' l-fatt pero` illi s-sentenza b'dak l-okkju difettuz xorta wahda tigi konsiderata *tamquam non esset* in kwantu mhix suxxettibbli ta' sanatorja minn Qorti fi grad ta' appell. Dan johrog sew evidenti mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell kolleggjali tad-19 ta' April, 1999 fil-kawza "**Victor Zammit *et* -vs- Joseph Stivala**", u li bhal din prezenti kienet ukoll tikkoncerna kwestjoni ta' trasfuzjoni tal-gudizzju wara l-mewt ta' wiehed mill-atturi. Fiha, a propozitu, gie enuncjat illi "hu mehtieg li l-okkju tal-kawza jigi sewwa u bi precizjoni registrat fis-sentenza tal-Qorti fejn si tratta tal-partijiet in kawza", liema partijiet huma dawk li bil-ligi jigu hekk konsiderati fit-termini precizi taghha. Dejjem il-Qorti fil-precitata sentenza, filwaqt li rrikonoxxiet li n-nuqqas fl-okkju kien jitratta minn zball materjali, issoktat tirritjeni illi l-Qorti ta' revizjoni ma ghandhiex pero` l-awtorita` f'dawn ic-cirkostanzi li tikkorregi zbalji ta' din ix-xorta f'sentenzi ta' Qorti ohra izda dan ghandu hekk isir minn dik il-Qorti wara li taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-element ta' pregudizzju fil-proceduri li jkunu saru quddiemha fir-rigward tal-persuni li kienu l-oggett ta' dan l-izball. Konsegwentement, il-Qorti ghaddiet biex tannulla s-sentenza u tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-

konsiderazzjoni ulterjuri tal-vertenza. Huwa dan ukoll li din il-Qorti behsiebha taghmel fil-kaz presenti;

Jekk trid, il-Qorti tista' tieqaf hawn. Minn naha l-ohra ghall-evitar ta' nullitajiet ohra b'xi eventwali appell iehor jidhrilha li jkun ferm desiderabbli jekk toffri l-kummenti taghha fir-rigward ta' dawk in-nullitajiet eccepiti bit-tieni u bir-raba' aggravji;

B'introduzzjoni ghat-tieni kap ta' aggravju l-atti jipprovdu din il-kronologija:-

(1) B'verbal tat-13 ta' Novembru, 2007 (fol. 71) l-Avukat difensur tal-konvenuti informa lill-Qorti illi minn informazzjoni moghtija lilu l-patrocinati tieghu kienu nehhew il-hajt tal-*bricks* u t-tarag. Ir-rapprezentant legali ta' l-atturi talab li jinghata l-opportunita` li jivverifika l-korrettezza ta' dik id-dikjarazzjoni;

(2) Skond il-verbal tal-20 ta' Frar, 2008 (fol. 75) ir-rapprezentant legali ta' l-atturi gharrfet lill-Qorti li l-partijiet lahqu ftehim u qed jistennew li l-istess jigi ezegwit;

(3) B'verbal iehor tat-30 ta' April, 2008 (fol. 76) l-istess rapprezentanti legali ta' l-atturi informat lill-Qorti li l-partijiet ittransigew u kien jonqos biss jithallsu l-ispejjez skond it-taxxa;

(4) Fl-udjenza tas-27 ta' Mejju, 2008 (fol. 77) gie verbalizzat mill-Avukat ta' l-atturi illi hi ghaddiet it-taxxa relattiva lill-kontroparti;

Nonostante dawn il-verbali, l-ewwel Qorti ghaddiet biex xorta wahda ppronunzjat ruhha fuq il-mertu tat-talba u fil-parti konsiderativa tas-sentenza kkundannat lill-konvenuti biex jizgumbraw mill-garaxx u jaghmlu x-xoghol tar-repristinar. Jikkonsegwi illi s-sentenza nghatat fuq mertu li, skond il-volonta tal-partijiet kif espressa mill-verbali, kien diga ezawrit. Fil-kuntest il-kumment li tista' toffri din

il-Qorti hu dak li gjaladarba l-verbali fil-procediment ta' kawza huma parti integrali mill-*iter* taghha, ir-rilevanza taghhom fid-diversi udjenzi kellhom, guridikament u proceduralment, jitqiesu parti vitali mill-attivita` processwali kompjuta u, in kwantu tali, kellhom, u messhom ukoll f'dan il-kaz, ittiehdu in konsiderazzjoni fid-deliberazzjoni tas-sentenza. Jinzel minn dan illi l-obbjezzjoni ta' l-appellanti hi fondata;

Anke ir-riljev kostitwit mir-raba' motiv ta' aggravju hu wiehed legalment sostenibbli. Kjarament id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fir-raba' dispositiv taghha hi wahda intrinsikament errata. Dan mis-segwenti tliet punti di vista:-

(1) Ibda biex din il-Qorti ma tarax f'hiex jiccentra l-Artikolu 990 tal-Kapitolu 12 ghax-xorta ta' disprezz individwat mill-Qorti ta' l-ewwel istanza. Dak l-artikolu jirrelata ruhu mad-disprezz *in faciem curia* minhabba, ad ezempju, kummenti ostili jew kondotta ta' tfixkel fl-andament gust u xieraq tal-gudizzju. Ara f'dan is-sens "**Il-Qorti -vs- Onor. Avv. Dr. Enrico Mizzi**", Appell Civili, 26 ta' Gunju, 1950. Il-konsiderazzjoni tal-Qorti – allegat prokrastinar ta' l-appellanti biex jottemperaw ruhhom mat-talba ta' l-atturi – ma tikkwalifikax ghal dik ta' "mgieba hazina" jew ghaz-zamma tal-bon ordni "waqt is-seduti bil-miftuh";

(2) Gjaladarba l-istitut tad-disprezz jahseb ghall-imposizzjoni ta' sanzjonijiet u piena fuq min jazzarda jonqos mir-rispett lejn l-awtorita` tal-Qorti, il-parti leza mhux xi wiehed jew wahda mill-kontendenti imma l-Qorti. Ara "**Avukat Irene Bonello -vs- L-Onor. Prim Ministru *et***", 28 ta' Frar, 1997. Jigi allura li l-procedura korretta li kellha tiggwida lill-Qorti f'materja ta' disprezz kienet dik korrispondenti ghar-rit prevvist fl-Artikolu 1003A tal-Kapitolu 12 relattiva ghal "<u>kull procediment</u>" ghal disprezz. Ara "**Registratur tal-Qrati -vs- Salvu Psaila *et***", Appell, 12 ta' Frar, 1996. Del resto, fl-istanza taht ezami ma jistax ma jigix osservat illi l-atturi appellati minn ebda talba

ma ressqu pretensjoni ghal disprezz. Evidentement, dan l-izball *in procedendo* ittraduca ruhu fi zbal *in iudicando*;

(3) Dan, aktar u aktar, fir-riflessjoni tal-fatt illi l-appellanti ma nghatawx lanqas l-opportunita` li jiddefendu ruhhom kontra l-imputazzjoni ta’ l-ewwel Qorti li rravvizat fl-agir taghhom dik il-kontumelja lejn l-awtorita` taghha. Ukoll minn din l-ottika l-gudizzju ta’ l-ewwel Qorti b’dak tad-dispositiv ma jistax ma jitqiesx wiehed ghal kollox vizzjat.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti ghad-definizzjoni minnha tal-vertenza fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha superjorment maghmula. Huwa gust u xieraq illi l-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------